**18 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Alberto Magri B.A., LL.D.**

George Winston Schembri

*versus*

Damien Hakram

**Kolliżjoni – Kiri ta' Vettura – Dewmien biex Isiru Tiswijiet**

*Min isofri dannu għandu jagħmel ħiltu biex dak id-dannu jiġi minimizzat.*

*Għalhekk, min isofri dannu fil-vettura tiegħu huwa fid-dmir li jsewwi kemm jista' jkun malajr, u mhux joqgħod jistenna żmien twil u fl-istess ħin jikri vettura oħra.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fis-7 ta' Lulju 1992 li biha l-attur wara li ppremetta li huwa proprjetarju tal-vettura *Renault* numru tal-pjanċa V – 9142; li huwa sofra danni fi ħsarat ikkaġunati fil-vettura in kwistjoni naxxenti minn inċident awtomobilistiku li okkorra fl-20 ta' Ġunju 1992 fi Triq id-Dragonara, ħdejn l-entrata tal-*Casino,* li fiha kien involut il-konvenut meta kien qiegħed isuq il-vettur R – 4512 *Triumph* bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; li l-inċident in kwistjoni okkorra bi ħtija

esklussiva tal-konvenut għalhekk huwa tenut fil-liġi li jħallas id-danni kollha sofferti mill-attur; talab li din il-qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament u esklussivament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku indikat u għar-raġunijiet premessi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur; u

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni *hekk illikwidati bl-imgħaxijiet skond il-liġi*;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esibiti mill-attur;

Rat li l-konvenut għalkemm innotifikat permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a termini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqa' ma ppreżenta ebda eċċezzjonijiet u għalhekk jinsab kontumaċi;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

L-inċident mertu ta' din il-kawża ġara fl-20 ta' Ġunju 1992 ġo Triq id-Dragonara hekk kif toħroġ mill-*Entrance* tal-*Casino*. L-attur kien ħareġ mill-*entrance* msemmija, ġibed lejn ix-xellug u qed isuq fid-direzzjoni tal-Knisja ta' Paceville. Kien miexi bil-mod peress li kien hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat

tat-triq u f'daqqa waħda sema' ħoss ta' *brake* u ħass daqqa fuq wara. Skond ma xehed l-attur jidher li, wara l-inċident il-konvenut ammetta t-tort iżda għalkemm mitlub jiffirma obbligazzjoni naqas jagħmel hekk;

Mill-iskizz tal-pulizija esibit mill-attur jidher li l-inċident ġara ċerta distanza mil-fetħa tal-*Casino* u għalhekk l-attur kien ġà beda miexi fit-triqtu meta ġie milqtu. Jidher ukoll li l-*brake marks* tal-konvenut, twal sitt metri punt tlieta, huma kollha f'dik il-parti tat-Triq id-Dragonara wara li tiskorri l-istess *entrance* għall-*Casino* għalhekk ma jistax jingħad li l-ħruġ ta' l-attur ikkawża xi emerġenza għall-konvenut u jidher li l-inċident kien ikkaġunat minħabba disattenzjoni da parti ta' l-istess konvenut li ma kienx attent għat-traffiku li kien hemm quddiemu. Għalhekk l-ewwel talba attriċi għandha tiġi akkolta;

Illi dwar id-danni l-attur xehed li hu nefaq is-somma ta' Lm600.79 *Auto Sales Limited* kif jidher mid-dokument 6S[2] a fol. 41 tal-proċess, kif ukoll lm13 għal *Rustguard Treatment* skond riċevuta Dok. 65[1] a fol.41 tal-proċess. L-attur qiegħed ukoll jitlob kumpens għall-kiri ta' karozza għal perijodu ta' ċirka tliet xhur sakemm ġiet imsewwija l-karozza tiegħu. Irriżulta però li t-tiswija tal-vettura ta' l-attur damet biss ċirka ġimgħatejn u kien fuq il-parir tal-konsulent legali tiegħu li l-attur ma għamilx it-tiswijiet qabel. Huma prinċipju ġeneralment rikonoxxut li min isofri dannu għandu jagħmel ħiltu biex dak id-dannu jiġi minimizzat. L-attur għalhekk kien fid-dmir li jsewwi kemm jista' jkun malajr u mhux joqgħod jistenna tliet xhur sħaħ u fl-istess ħin jikri karozza. Il-Qorti għalhekk hi tal-fehma li l-kumpans għall-kiri ta' karozza għandu jiġi limitat għal perijodu ta' ġimgħatejn u *arbitrio boni viri* qed jiġi likwidat fis-somma ta' sebgħin lira maltija. Id-danni totali ta' l-attur għalhekk

jammontaw għas-somma komplessiva ta' Lm683.79;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, fil-kontumaċja tal-konvenut, il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident imsemmi, tillikwida d-danni ta' l-attur fis-somma ta' sitt mija tlieta u ħamsin lira disa' u sebgħin ċenteżmu (Lm683.79) u tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur bl-imgħax legali mil-lum;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.